Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGARD ØE
ippreżentati fit-3 ta' Settembru 2020[1]

**Kawża C-404/19 P**

**Ir-Repubblika Franċiża**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell – FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea – Għajnuna diretta għas-superfiċji mħallsa f'Haute-Corse – Sistema ta' kontroll defiċjenti ħafna – Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 100 % – Rata ta' 100 % – Regolament (UE) Nru 1306/2013 – Artikolu 52(2) – Regolament ta' Delega (UE) Nru 907/2014 – Artikolu 12(7)(c) – Linji gwida dwar il-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qafas tal-proċeduri tal-approvazzjoni ta' konformità u finanzjarja tal-kontijiet – Punt 3.2.5"

## I. Introduzzjoni

1. Permezz ta' dan l-appell, ir-Repubblika Franċiża titlob l-annullament parzjali tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Marzu 2019, Franza vs Il-Kummissjoni[2], li permezz din hija ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn dan l-Istat Membru kontra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014[3]. B'mod partikolari, permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummisssjoni imponiet fuq l-imsemmi Stat Membru korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 100 % fir-rigward tal-għajnuna diretta għas-superfiċji mħallsa f'Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014, minħabba nuqqasijiet gravi kkonstatati fis-sistema ta' kontroll tal-imsemmija għajnuna. Ir-rata ta' 100 % tikkorrispondi għall-għajnuna mħallsa kollha.

2. Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % huma previsti fil-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar il-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji[4]. Dan il-punt jipprevedi li tali rata tista' tiġi applikata meta d-defiċjenzi jkunu tant gravi li jikkostitwixxu nuqqas ta' osservanza totali tar-regoli tal-Unjoni, tali li jirrendu l-pagamenti kollha irregolari.

3. Insostenn tal-appell tagħha, ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fis-sentenza appellata billi ddeċidiet li l-impożizzjoni mill-Kummissjoni tal-korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % kienet iġġustifikata. Dan l-Istat Membru ma jikkontestax li s-sistema ta' kontroll f'Haute-Corse kellha nuqqasijiet, b'tali mod li l-Kummissjoni setgħet timponi korrezzjoni finanzjarja, iżda jikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-punt 3.2.5

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 T-26/18, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2019:153.

3 Deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) (ĠU 2017, L 292, p. 61) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

4 Linji gwida tat-8 ta' Ġunju 2015 dwar il-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qafas tal-proċeduri tal-approvazzjoni ta' konformità u finanzjarja tal-kontijiet, Komunikazzjoni (C(2015) 3675 final, iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida")).

tal-Linji Gwida billi ddeċidiet li l-kundizzjonijiet hemm imsemmija għall-applikazzjoni ta' rata ta' 100 % kienu ssodisfatti. Għalhekk, dan l-appell jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, sa fejn naf jien għall-ewwel darba, dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-impożizzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 100 %, kif previst mill-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida.

4. Fl-aħħar tal-analiżi tiegħi, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013*

5. L-Artikolu 52 tar-Regolament Nru (UE) 1306/2013[5], intitolat "Approvazzjoni tal-konformità", jipprevedi, fil-paragarafu 1 tiegħu, li l-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw l-ammonti li għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni, meta tikkunsidra li l-infiq tal-FAEG u tal-FAEŻR ma twettqux konformement mad-dritt tal-Unjoni. Konformement mal-Artikolu 52(2) ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni tevalwa l-ammonti li għandhom jiġu esklużi fid-dawl, b'mod partikolari, tal-gravità tan-nuqqas ta' konformità kkonstatata, u billi tieħu inkunsiderazzjoni n-natura tal-ksur, kif ukoll il-ħsara finanzjarja kkawżata lill-Unjoni.

### *B. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 907/2014*

6. Il-kriterji u l-metodoloġija għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet fil-kuntest tal-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 huma previsti fl-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 907/2014[6]. Mill-Artikolu 12(6) ta' dan ir-regolament jirriżulta li meta l-ammonti li għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni ma jistgħux jiġu ddeterminati permezz tal-kalkolu jew bl-estrapolazzjoni previsti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-artikolu[7], il-Kummissjoni għandha tapplika korrezzjonijiet b'rata fissa xierqa, billi tieħu inkunsiderazzjoni n-natura u l-gravità tal-ksur u l-istima tagħha tar-riskju ta' ħsara finanzjarja għall-Unjoni.

7. L-Artikolu 12(7)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 907/2014 jipprovdi :

"Waqt li jkun qed jiġi stabbilit il-livell tal-korrezzjonijiet b'rata fissa, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod speċifiku ċ-ċirkostanzi li jidhru hawn taħt li juru aktar serjetà fin-nuqqasijiet li juru riskju akbar ta' ħsara għall-baġit tal-Unjoni:

[…]

c) l-applikazzjoni minn Stat Membru ta' sistema ta' verifika tinsab kompletament nieqsa jew b'nuqqasijiet serji, u hemm evidenza ta' irregolaritajiet mifruxa u ta' negliġenza biex jirribattu prattiki irregolari jew frodulenti;

[…]"

5 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549 rettifika fil-ĠU 2017, L 327, p. 83 u fil-ĠU 2016, L 130, p. 6).

6 Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU 2014, L 255, p. 18).

7 Permezz tal-korrezzjoni kkalkolata prevista fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament Nru 907/2014, il-Kummissjoni tibbaża l-esklużjoni fuq l-identifikazzjoni tal-ammonti li ntefqu indebitament. Permezz tal-korrezzjoni estrapolata prevista fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament Nru 907/2014, l-ammont li għandu jiġi eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni wara l-estrapolazzjoni, permezz ta' mezzi statistiċi, huwa r-riżultat ta' verifiki mwettqa fuq kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni kollha li minnha jittieħed il-kampjun, li huwa limitat għaż-żona li fiha l-istess nuqqas ta' konformità jista' jiġi raġonevolment mistenni (punt 1.2 tal-Linji Gwida).

### *C. Il-Linji Gwida*

8. Fil-Linji Gwida tagħha, il-Kummissjoni esponiet il-prinċipji ġenerali u l-livell tal-korrezzjoni b'rata fissa li l-Kummissjoni tista' tipproponi skont l-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 u l-Artikolu 12(6) u (7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 907/2014[8].

9. Fir-rigward tal-prinċipji ġenerali, mil-Linji Gwida jirriżulta li, fil-każ ta' korrezzjonijiet b'rati fissi, il-ħsara finanzjarja probabbilment ikkawżata lill-Unjoni għandha tkun iddeterminata minn evalwazzjoni tar-riskju li jirriżulta min-nuqqas fil-kontroll, li jista' jirrigwarda kemm in-natura jew il-kwalità tal-kontrolli mwettqa kif ukoll in-numru ta' dawn il-kontrolli. Il-prinċipju wara dan, il-prinċipju ta' proporzjonalità espost mill-Artikolu 52(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, huwa li r-rata ta' korrezzjoni għandha tkun marbuta b'mod ċar mal-ħsara finanzjarja kkawżata lill-Unjoni[9].

10. Għal dak li jirrigwarda l-livell tal-korrezzjoni b'rata fissa, il-Linji Gwida jipprevedu applikazzjoni, skont iċ-ċirkustanzi hemm imsemmija, ta' korrezzjoni ta' 2 %, 3 %, 5 %, 7 % jew 10 %[10]. Barra minn hekk, mil-Linji Gwida jirriżulta li f'każijiet eċċezzjonali, jistgħu jiġi adottati rati ta' korrezzjoni ogħla, li jitilgħu sa 100 %[11]. Tali rata ogħla hija prevista għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 12(7)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 907/2014. B'hekk, il-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida li jirrigwarda din id-dispożizzjoni jipprevedi:

"'[Jekk l-]applikazzjoni minn Stat Membru ta' sistema ta' verifika tinsab kompletament nieqsa jew b'nuqqasijiet serji, u [meta] hemm evidenza ta' irregolaritajiet mifruxa u ta' negliġenza biex jirribattu prattiki irregolari jew frodulenti [12]', f'dak il-każ hija ġustifikata korrezzjoni ta' 25 %, għaliex jista' jiġi raġonevolment preżunt li l-libertà li jiġu sottomessi talbiet irregolari b'impunità okkażżjonalment se jagħtu lok għal ħsara finanzjarja għolja għall-baġit tal-Unjoni.

Ir-rata ta' korrezzjoni tista' tkun iffissata f'rata saħansitra ogħla fejn xieraq. Dan jista' jkun il-każ meta, b'riżultat ta' informazzjoni fornuta mill-Istat Membru, il-popolazzjoni f'riskju tkun ġiet konfinata (estremament). Jew ma tkunx awtorizzata nnefqa kollha, meta d-defiċjenzi jkunu tant serji li jikkostitwixxu falliment [nuqqas] totali ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni, u b'hekk irendi l-pagamenti kollha irregolari".

## III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

### *A. Il-fatti li wasslu għall-kawża*

11. Għall-ħtiġijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, il-fatti li wasslu għall-kawża, esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 37 tas-sentenza appellata, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

12. Mill-24 sat-28 ta' Novembru 2014 il-Kummissjoni wettqet, fi Franza, investigazzjoni dwar is-settur tal-għajnuna skont is-superfiċji mitluba għas-snin tat-talba 2013 u 2014. Wara din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkomunikat ir-riżultati tagħha lir-Repubblika Franċiża u mbagħad kien hemm korrispondenza bejn din l-istituzzjoni u dan l-Istat Membru dwar l-investigazzjoni.

8 Ara l-punt 11.3.2 tal-Kapitolu 11 tal-Linji Gwida, li jirreferi għall-Kapitolu 3 tagħhom.

9 Punti 1.3.2 u 3.1 tal-Linji Gwida.

10 Punt 3.2 tal-Linji Gwida.

11 Punt 3 tal-Linji Gwida.

12 Din il-kwotazzjoni tikkorrispondi, essenzjalment, għall-formulazzjoni tal-Artikolu 12(7)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 907/2014.

13. Permezz ta' ittra tal-20 ta' Mejju 2016 (iktar 'il quddiem il-"komunikazzjoni tal-20 ta' Mejju 2016"), il-Kummissjoni kkomunikat lir-Repubblika Franċiża l-proposta tagħha għall-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni ta' ammont totali ta' EUR 117 439 017.55 minħabba nuqqas ta' konformità tal-implimentazzjoni tas-sistema ta' għajnuna skont is-superfiċji fi Franza mar-regoli tal-Unjoni waqt is-snin tat-talba 2013 u 2014. Dan l-ammont jinkludi erba' gruppi ta' proposti ta' korrezzjonijiet, fosthom wieħed li jirrigwarda l-għajnuna diretta skont is-superfiċji mħallsa f'Haute-Corse. Din il-korrezzjoni tikkostitwixxi korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 %, korrispondenti għal ammont ta' EUR 28 973 945.46.

14. L-imsemmija korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % kienet ibbażata fuq diversi konstatazzjonijiet ta' nuqqasijiet relattivi, b'mod partikolari, għall-problemi marbuta mad-definizzjoni tas-superfiċji eliġibbli.

15. L-ewwel nett, il-leġiżlazzjoni Franċiża tippermetti l-użu ta' proporzjoni stabbiliti minn qabel għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-partikolaritajiet topografiċi fis-superfiċji agrikolu, b'mod mhux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar "kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba" (iktar 'il quddiem il-"BCAE"), li wassal sabiex l-awtoritajiet Franċiżi mhux dejjem jeskludu superfiċji ineliġibbli. B'mod iktar partikolari, il-leġiżlazzjoni Franċiża ma kinitx żgurat il-kontroll taż-"żamma" ta' artijiet agrikoli fil-BCAE, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 [13].

16. It-tieni nett, il-proposta ta' korrezzjoni kienet ibbażata fuq problemi marbuta mad-definizzjoni tas-superfiċji eliġibbli li jirriżultaw minn interpretazzjoni inkorretta mill-awtoritajiet Franċiżi tal-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 [14]. Essenzjalment, l-awtoritajiet Franċiżi kienu kkunsidraw eliġibbli wkoll superfiċji prinċipalment ifforestati b'riżorsi agrikoli żgħar ħafna jew mhux aċċessibbli għall-annimali, iddikjarati bħala "art xagħrija li hija tajba għar-rigħi", minkejja li dawn is-superfiċji ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

17. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat, fil-komunikazzjoni tal-20 ta' Mejju 2016, li dawn in-nuqqasijiet kienu diġà ġew osservati fil-kuntest tal-proċedura ta' konformità li tkopri s-snin tat-talba 2008 sa 2012, iżda li l-awtoritajiet Franċiżi ma kinux bidlu l-approċċ segwit f'dan ir-rigward. Fl-assenza ta' tibdil fl-approċċ segwit sal-lum, li għandu effett reali fuq l-art, il-korrezzjonijiet applikati lil dan id-dipartiment fl-investigazzjonijiet preċedenti – rata fissa ta' 100 % - kellhom ikomplu japplikaw għas-snin tat-talba 2013 u 2014.

18. Permezz ta' ittra tat-22 ta' Ġunju 2016, l-awtoritajiet Franċiżi ressqu quddiem il-korp ta' konċiljazzjoni fir-rigward tal-korrezzjoni finanzjarja adottata mill-Kummissjoni għal dak li jirrigwarda d-dipartiment ta' Haute-Corse. Huma argumentaw, essenzjalment, li l-argument tal-Kummissjoni sabiex tiġġustifika ċ-ċaħda tal-ammonti li huma pproponew f'dan ir-rigward ma kienx suffiċjenti fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li l-proposta ta' korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % li tirrigwarda l-każ ta' Haute-Corse ma kinitx konformi mal-proċeduri tal-ammont tal-ħsara previsti minn din il-leġiżlazzjoni.

19. Fid-19 ta' Diċembru 2016, il-korp ta' konċiljazzjoni ta l-opinjoni tiegħu. Essenzjalment, huwa kkonstata li l-konċiljazzjoni ma kinitx possibbli f'dan l-istadju u kkunsidra li korrezzjoni ta' 100 % kienet probabbilment disproporzjonata fir-rigward tar-riskju reali għall-FAEG. Konsegwentement, huwa stieden lis-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedu korrezzjoni inferjuri.

13 Regolament tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7).

14 Regolament tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65, rettifika fil-ĠU 2013, L 246, p. 3).

20. Fil-21 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni ħadet il-pożizzjoni finali tagħha. Hija żammet il-pożizzjoni inizjali tagħha esposta fil-komunikazzjoni tal-20 ta' Mejju 2016, filwaqt li speċifikat li korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % kienet iġġustifikata sa fejn l-informazzjoni disponibbli turi li n-nuqqasijiet li jirrigwardaw il-kontroll tal-għajnuna ta' Haute-Corse kienu tant gravi li jikkostitwixxu nuqqas totali ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni u li joħolqu riskju għoli ħafna għall-FAEG.

21. Fit-8 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat, skont l-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 1306/2013, id-deċiżjoni kontenzjuża li permezz tagħha imponiet erba' gruppi ta' korrezzjonijiet, inkluża korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % korrispondenti għal EUR 28 973 945.46 fir-rigward tal-infiq relattiv għall-għajnuna diretta skont is-superfiċji marbuta mal-Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014, minħabba nuqqasijiet gravi kkonstatati fis-sistema ta' kontroll tal-imsemmija għajnuna (taħt it-Titolu "Sistema ta' kontroll defiċjenti ħafna Corse"). Fir-rapport ta' sinteżi anness mad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ġġustifikat l-impożizzjoni ta' din il-korrezzjoni b'raġunijiet identiċi għal dawk esposti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tal-20 ta' Mejju 2016.

### *B. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali*

22. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Jannar 2018, ir-Repubblika Franċiża ppreżentat rikors intiż għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża billi qajmet diversi motivi diretti kontra l-erba' gruppi ta' korrezzjonijiet finanzjarji, inkluż dik ta' 100 % fir-rigward tal-Haute-Corse. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors.

### *C. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet*

23. Permezz ta' att tat-23 ta' Mejju 2019, ir-Repubblika Franċiża ppreżentat dan l-appell kontra s-sentenza appellata. Fil-kuntest ta' dan l-appell, dan l-Istat Membru kkontesta biss il-fondatezza ta' waħda mill-erba' gruppi ta' korrezzjonijiet finanzjarji li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet fis-sentenza appellata, jiġifieri l-korrezzjoni finanzjarja ta' 100 % fir-rigward tal-għajnuna diretta skont is-superfiċji mħallsa f'Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014.

24. B'hekk, permezz tal-appell tagħha, ir-Repubblika Franċiża titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla parzjalment is-sentenza appellata, sa fejn din tiċħad it-talbiet magħmula mir-Repubblika Franċiża bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn timponi lir-Repubblika Franċiża korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % minħabba nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tal-għajnuna skont is-superfiċji f'Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014,

– tiddeċiedi definittivament dwar il-kawża billi tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn timponi fuq ir-Repubblika Franċiża korrezzjonijiet b'rata fissa ta' 100 % minħabba nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tal-għajnuna skont is-superfiċji f'Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014,

– u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

25. Permezz tar-risposta tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tiċħad l-appell,

– u tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż.

26. Waqt is-seduta li nżammet fis-27 ta' Frar 2020, ir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni ppreżentaw is-sottomissjonijiet orali tagħhom.

## IV. Analiżi

27. Permezz tal-aggravju uniku tagħha, ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fis-sentenza appellata billi ddeċidiet li l-Kummissjoni ġustament imponiet il-korrezzjoni finanzjarja ta' 100 % fir-rigward tal-għajnuna diretta skont is-superfiċji mħallsa f'Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014.

28. Fid-deċiżjoni kontenzjuża, din il-korrezzjoni kienet iġġustifikata fid-dawl tas-sitwazzjoni singulari tad-dipartiment ta' Haute-Corse li fiha l-Kummissjoni kienet ikkonstatat nuqqasijiet li jikkonsistu, b'mod partikolari, fi problemi marbuta mad-definizzjoni tas-superfiċji eliġibbli[15]. Il-Kummissjoni tindika wkoll li dawn in-nuqqasijiet kienu diġà ġew osservati fil-kuntest tal-proċedura ta' konformità li tkopri s-snin 2008 sa 2012, u li fl-assenza ta' tibdil fl-approċċ segwit mill-awtoritajiet Franċiżi, korrezzjoni finanzjarja ta' 100 % kellha tiġi applikata wkoll għas-snin tat-talba 2013 u 2014[16].

29. Quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-Repubblika Franċiża kkontestat il-fondatezza ta' din id-deċiżjoni billi argumenta, b'mod partikolari, li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 100 % prevista fil-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida ma kinux issodisfatti u li l-korrezzjoni kontenzjuża kienet, għalhekk, disproporzjonata.

30. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan il-motiv bħala infondat[17]. B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali essenzjalment, interpretat qabel kollox, fil-punti 117 u 118 tas-sentenza appellata, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' rata ta' 100 % previsti fil-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida, imbagħad sussegwentement fil-punti 134 sa 136 tas-sentenza appellata, applikat din l-interpretazzjoni għaċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet, minn naħa, li s-sistema ta' kontroll ta' Haute-Corse kienet ibbażata fuq definizzjoni żbaljata tas-superfiċji eliġibbli, li tikser waħda mill-kundizzjonijiet sostantivi tas-sistema ta' għajnuna skont is-superfiċji, u min-naħa l-oħra, li tali ksur kien tant gravi li kien jikkostitwixxi, skont il-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida, nuqqas totali ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni ta' natura li jirrendi l-pagamenti kollha irregolari. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li għalhekk il-Kummissjoni kienet iġġustifikata li timponi l-korrezzjoni kontenzjuża.

31. Insostenn tal-appell tiegħu, ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tagħha tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida, li mbagħad wassal għal applikazzjoni żbaljata ta' dawn l-istess linji gwida fil-punti 134 u 136 tas-sentenza appellata. Dan l-Istat Membru jallega b'mod partikolari, li l-fatt li s-sistema ta' kontroll tikser kundizzjoni sostantiva tas-sistema ta' għajnuna skont is-superfiċji ma huwiex suffiċjenti – waħdu – sabiex jiġġustifika l-applikazzjoni ta' rata ta' 100 %. Fi kliem ieħor, ir-Repubblika Franċiża ma tikkontestax, fihom innifishom, in-nuqqasijiet li l-Kummissjoni kkonstatat fis-sistema ta' kontroll f'Haute-Corse, iżda tallega biss li tali nuqqasijiet ma jistgħux iwasslu għall-applikazzjoni ta' rata fissa ta' 100 %.

32. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tirrifjuta l-argumenti tar-Repubblika Franċiża u titlob li l-aggravju jiġi miċħud bħala infondat.

15 Ara f'dan ir-rigward, il-punti 14 sa 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

16 Ara f'dan ir-rigward, il-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, Franza vs Il-Kummissjoni (T-156/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:157), ir-Repubblika Franċiża kkontestat il-fondatezza ta' din l-impożizzjoni ta' 100 % għas-snin tat-talba 2011 u 2012 għal raġunijiet simili għal dawk invokati fis-sentenza appellata. Fis-sentenza T-156/15, il-Qorti Ġenerali annullat din il-korrezzjoni minħabba ksur tad-drittijiet ta' difiża u għalhekk ma kellhiex l-okkażjoni teżamina l-kwistjoni dwar jekk l-impożizzjoni tiksirx ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità (punti 120 sa 138 tas-sentenza).

17 Ara l-punti 111 sa 139 tas-sentenza appellata.

33. Sabiex jiġi evalwat l-aggravju tar-Repubblika Franċiża , għandha, preliminarjament, tiġi ddeterminata l-ġustifikazzjoni invokata mill-Kummissjoni sabiex timponi l-korrezzjoni kontenzjuża, peress li dan il-punt huwa kkontestat mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (A). Imbagħad, għandha tiġi vverifikata l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida kif esposta fil-punti 117 u 118 tas-sentenza appellata (Taqsima B). Finalment, fid-dawl ta' din l-analiżi, għandu jiġi vverifikat jekk il-Qorti Ġenerali kinitx iġġustifikata meta approvat l-impożizzjoni mill-Kummissjoni tal-korrezzjoni kontenzjuża fil-punti 134 sa 136 tas-sentenza appellata (Taqsima C).

## *A. Il-ġustifikazzjoni invokata mill-Kummissjoni sabiex timponi l-korrezzjoni kontenzjuża*

34. Preliminarjament, nenfasizza li rata ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 100 % tista' tiġi ġġustifikata f'żewġ sitwazzjonijiet distinti: jew meta l-infiq kollu jkun ġie mogħti fl-assenza ta' kull bażi legali fid-dritt tal-Unjoni ("l-ewwel sitwazzjoni"), jew jekk jeżisti bażi legali tal-finanzjament fid-dritt tal-Unjoni, meta s-sistema ta' kontroll ta' Stat membru jkollha nuqqasijiet gravi, tali li jirrendu l-pagamenti kollha irregolari ("it-tieni sitwazzjoni") [18]. Hija din it-tieni sitwazzjoni li hija indirizzata fil-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida.

35. Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni kkonfermat li l-impożizzjoni tal-korrezzjoni kontenzjuża kienet ibbażata fuq it-tieni sitwazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni argumentat li din l-impożizzjoni kienet stabbilita wkoll fuq l-ewwel sitwazzjoni. Għalhekk, fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni allegat li "fl-istess ħin hemm ħlas ta' għajnuna nieqes minn kull bażi legali u nuqqas ta' funzjonament gravi tas-sistema ta' kontroll f'Haute-Corse", li ġie kkonfermat minnha wkoll waqt is-seduta [19].

36. F'dan ir-rigward, ninnota li għandu jiġi stabbilit jekk l-impożizzjoni tal-korrezzjoni kontenzjuża kinitx ibbażata fuq it-tieni sitwazzjoni biss, kif jargumenta r-Repubblika Franċiża, jew jekk kinitx ibbażata kemm fuq it-tieni kif ukoll fuq l-ewwel sitwazzjoni, kif issostni l-Kummissjoni; fil-fatt, minn naħa, il-ġustifikazzjoni u għalhekk, l-istħarriġ ġudizzjarju ma jkunux l-istess fiż-żewġ sitwazzjonijiet; u min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Franċiża tikkritika lill-Qorti Ġenerali li fis-sentenza appellata ħawdet il-kundizzjonijiet applikabbli fl-ewwel u fit-tieni sitwazzjoni rispettivament għall-impożizzjoni ta' rata ta' korrezzjoni finanzjarja ta' 100 %.

37. Sabiex jiġi evalwat l-aggravju tar-Repubblika Franċiża, għandu għalhekk, l-ewwel nett, jiġi ddeterminat f'liema sitwazzjoni/jiet il-Kummissjoni imponiet il-korrezzjoni kontenzjuża. Għal dan il-għan, inqis utli, qabel kollox, li jitfakkru d-differenzi bejn iż-żewġ sitwazzjonijiet.

### *1. Id-differenzi bejn iż-żewġ sitwazzjonijiet*

38. Fl-ewwel lok fir-rigward tal-ġustifikazzjoni sabiex tiġi imposta rata ta' 100 %, għandu jiġi kkonstatat li, *fl-ewwel sitwazzjoni*, din tinsab fil-livell ta' leġiżlazzjoni.

18 Ara fl-istess sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl fil-kawża Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-332/00, EU:C:2001:653, punti 68 sa 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Franċiża indikat li huwa biss fil-kuntest tal-appell li l-Kummissjoni argumentat li l-korrezzjoni kontenzjuża hija bbażata kemm fuq ħlas ta' għajnuna nieqes minn kull bażi legali u fuq nuqqas ta' funzjonament gravi tas-sistema ta' kontroll.

39. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li l-FAEG jiffinanzja biss l-interventi mwettqa skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli. Għalhekk, l-ammonti mħallsa konformement mar-regoli stabbiliti fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli biss huma responsabbiltà tal-FAEG. Għalhekk, jibqa' responsabbiltà tal-Istati Membri kull ammont ieħor imħallas, b'mod partikolari l-ammonti li l-awtoritajiet nazzjonali qisu b'mod żbaljat li huma awtorizzati jħallsu fil-kuntest ta' din l-organizzazzjoni komuni[20].

40. F'din is-sitwazzjoni, l-għajnuna mħallsa fuq bażi legali ineżistenti hija eskluża mill-finanzjament tal-Unjoni, indipendentement mill-konstatazzjoni ta' irregolaritajiet jew ta' negliġenza min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma għandha ebda marġni diskrezzjonali sabiex taċċetta jew tiċħad infiq tal-finanzjament tal-Unjoni[21]. Korrezzjoni imposta f'tali sitwazzjoni hija għalhekk imposta taħt il-forma ta' korrezzjoni ta' darba, li jfisser li t-telf subit mill-Unjoni – u għalhekk, l-ammont li għandu jiġi eskluż – jista' jiġi ddeterminat b'mod preċiż.

41. *Fit-tieni sitwazzjoni*, il-ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni ta' rata ta' 100 % tinsab b'mod partikolari, fl-applikazzjoni mill-Istat Membru ta' sistema ta' kontroll defiċjenti ħafna, kif previst fl-Artikolu 12(7)(c) tar-Regolament Nru 907/2014. Għalhekk, fil-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida li jirrigwarda din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni speċifikat li, jekk id-defiċjenzi tas-sistema ta' kontroll huma tant gravi li jikkostitwixxu nuqqas totali ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni ta' natura li jirrendi l-pagamenti kollha irregolari, għandha tapplika korrezzjoni ta' 100 %[22].

42. Nenfasizza li bid-differenza għas-sitwazzjoni li fiha l-għajnuna titħallas fl-assenza ta kwalunkwe bażi ġuridika (l-ewwel sitwazzjoni), ir-rata ta' 100 % prevista fil-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida tikkostitwixxi rata fissa, li jfisser li t-telf subit mill-baġit tal-Unjoni ma jistax jiġi ddeterminat b'mod preċiż. B'hekk, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament Nru 907/2014 il-korrezzjonijiet b'rata fissa previsti fil-paragrafu 7 ta' dan l-artikolu japplikaw meta l-ammonti li għandhom jiġu esklużi ma jistgħux jiġu ddeterminati bil-kalkolu jew bl-estrapolazzjoni previsti fil-paragrafi 2 u 3 tal-imsemmi artikolu[23].

43. Fi kliem ieħor, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament Nru 907/2014, meta tapplika korrezzjonijiet b'rata fissa, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-ammont li għandu jiġi eskluż skont il-grad *tar-riskju ta' telf* subit mill-baġit tal-Unjoni, billi tieħu inkunsiderazzjoni n-natura u l-gravità tal-ksur[24].

20 Ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2002, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-332/00, EU:C:2002:235, punt 44).

21 Ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2020, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-332/00, EU:C:2002:235, punti 36 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

22 Fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa tagħha li tiddeċiedi li teskludi infiq mill-finanzjament tal-Unjoni fid-dawl ta' nuqqasijiet fil-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri, il-Kummissjoni llimitat lilha nnifisha b'dawn il-linji gwida, b'tali mod li ma tistax titlaq minnhom (ara fl-istess sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-376/12, EU:T:2014:623, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Għad-definizzjoni ta' dawn it-tipi ta' kalkolu, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

24 B'mod ġenerali, il-fatt li l-ammonti li għandhom jiġu esklużi fil-każ ta' sistema ta' kontroll defiċjenti ħafna ma jistgħux jiġu ddeterminati b'mod preċiż jirrigwarda n-natura stess ta' dan it-tip ta' nuqqas. Fil-fatt, peress li, pereżempju, ma jitwettqux diversi kontrolli ewlenin, is-sistema ta' kontroll tkun ta' natura ineffikaċi sabiex tiddetermina l-ammissibbiltà ta' talba għal għajnuna.

44. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-istħarriġ ġudizzjarju, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta, li fil-kuntest tal-ewwel sitwazzjoni, il-Qorti Ġenerali għandha tistħarreġ jekk l-għoti tal-għajnuna mill-awtoritajiet nazzjonali huwiex nieqes minn kwalunkwe bażi legali fid-dritt tal-Unjoni. Din l-evalwazzjoni tikkonsisti fl-analiżi dwar jekk l-għajnuna mħallsa tiksirx il-kundizzjonijiet sostantivi tas-sistema ta' għajnuna kkonċernata, li huma essenzjali sabiex tiġi ddeterminata l-ammissibbiltà ta' talba għal għajnuna, b'tali mod li din l-għajnuna tkun taqa' *barra* mis-sistema ta' għajnuna [25].

45. Mill-banda l-oħra, fil-kuntest tat-tieni sitwazzjoni, il-Qorti Ġenerali għandha tivverifika jekk il-Kummissjoni kinitx iġġustifikata meta qieset li d-defiċjenzi tas-sistema ta' kontroll kienu tant gravi li kienu jikkostitwixxu nuqqas totali ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni, ta' natura li jirrendi l-pagamenti kollha irregolari skont il-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida. Fi kliem ieħor, il-Qorti Ġenerali għandha tistħarreġ il-fondatezza tal-istima tal-Kummissjoni *tat-telf reali* subit mill-baġit tal-Unjoni [26].

*2. Il-ġustifikazzjoni tal-korrezzjoni kontenzjuża*

46. Fir-rigward tal-korrezzjoni kontenzjuża, jidhirli li l-aggravju tal-Kummissjoni bbażat fuq il-fatt li din il-korrezzjoni kienet ibbażata wkoll fuq l-ewwel sitwazzjoni hija inammissibbli. Fil-fatt, nikkonstata li dan l-aggravju ma kienx tqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali u li din, fis-sentenza appellata, ivverifikat biss jekk il-korrezzjoni kontenzjuża kinitx iġġustifikata fid-dawl tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida [27]. Infakkar li dan il-punt jirrigwarda t-tieni sitwazzjoni.

47. Speċifikat dan, anki kieku dan il-motiv kien imqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, inqis li f'kull każ il-Qorti Ġenerali kienet iġġustifikata li tivverifika biss, fis-sentenza appellata, jekk l-impożizzjoni tal-korrezzjoni kontenzjuża kinitx iġġustifikata fid-dawl tat-tieni sitwazzjoni. Fil-fatt nikkonstata li d-dokumenti proċedurali fil-kawża jindikaw li l-Kummissjoni bbażat l-impożizzjoni tal-korrezzjoni kontenzjuża fuq nuqqasijiet ikkonstatati fis-sistema ta' kontroll [28], li kienu jkunu irrilevanti li kieku l-għajnuna kollha mħallsa kienet diġà rregolari minħabba l-assenza ta' kull bażi legali fid-dritt tal-Unjoni [29]. Barra minn hekk, huwa paċifiku li l-korrezzjoni kontenzjuża ta' 100 % hija imposta mill-Kummissjoni taħt il-forma ta' korrezzjoni b'rata fissa [30].

25 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' April 2002, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-332/00, EU:C:2002:235, punt 36), li fiha l-għajnuna kienet tħallset skont bażi legali essenzjalment ineżistenti, li wassal għall-esklużjoni totali tagħha mill-finanzjament tal-Unjoni, indipendentement mill-konstatazzjoni ta' irregolaritajiet jew negliġenza min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti. Ara wkoll, is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2000, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-45/97, EU:C:2000:362, punti 40 sa 43), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kien ġie stabbilit ksur tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-purità taż-żejt taż-żebbuġa sa fejn il-preżenza ta' sostanza kimika ma kinitx kompatibbli mad-definizzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, u għalhekk, iddeċidiet li l-korrezzjoni ta' 100 % tal-infiq kienet iġġustifikata. Bl-istess mod, fis-sentenza tad-9 ta' April 2008, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-364/04, mhux ippubblikata, EU:T:2008:97, punt 39), il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li rifjut ta' finanzjament tal-infiq kollu kienet iġġustifikata sa fejn il-konsenji ta' ħut kollha kienu saru lil hinn mis-sistema komunitarja minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-provvedimenti dwar il-prezz minimu.

26 Kif jirriżulta mit-Taqsima IV.B ta' dawn il-konklużjonijiet, għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali żviluppat interpretazzjoni fil-ġurisprudenza tagħha sabiex tivverifika l-fondatezza ta' tali stima.

27 Ara f'dan ir-rigward, it-Taqsima IV.B u IV.C ta' dawn il-konklużjonijiet. Infakkar li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi u argumenti diskussi quddiem il-Qorti Ġenerali, ara b'mod partikolari, is-sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, ISD Polska *et* vs Il-Kummissjoni (C-369/09 P, EU:C:2011:175) u l-ġurisprudenza ċċitata.

28 B'mod partikolari, il-motiv tal-korrezzjoni finanzjarja huwa msejjaħ "Sistema ta' kontroll defiċjenti ħafna" fit-tabella annessa mad-deċiżjoni kontenzjuża. Barra minn hekk, mill-pożizzjoni finali tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2017 jirriżulta li "[s]a fejn l-informazzjoni disponibbli turi li n-nuqqasijiet li jirrigwardaw il-kontroll ta' għajnuna f'Haute-Corse huma tant gravi li jikkostitwixxu nuqqas totali ta' konformità mar-regoli tal-UE [...] u li joħolqu riskju għoli ħafna għall-Fondi, korrezzjoni ta' 100 % hija ġġustifikata".

29 Ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2002, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-332/00, EU:C:2002:235, punt 36).

30 B'hekk, minn tabella annessa mad-deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li t-tip ta' infiq eskluż huwa "korrezzjoni b'rata fissa".

48. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fil-kuntest ta' dan l-appell, hemm lok biss li jiġi vverifikat jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi billi qieset iġġustifikata l-impożizzjoni, minħabba nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll, ta' korrezzjoni ta' 100 % b'applikazzjoni tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida[31].

## *B. L-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida*

49. L-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida tinsab fil-punti 117 u 118 tas-sentenza appellata. Fl-imsemmija punti 117 u 118, il-Qorti Ġenerali tirreferi għal interpretazzjoni diġà stabbilita fil-ġurisprudenza tagħha stess ta' dan il-punt tal-Linji Gwida[32].

50. Ninnota li r-Repubblika Franċiża kkontestat biss l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-punt 118 tas-sentenza appellata. Madankollu, dan il-punt 118 jirreferi għall-punt 117 ta' qablu. Sabiex tiġi vverifikata l-fondatezza tal-imsemmi punt 118, għandu qabel kollox jiġi eżaminat l-imsemmi punt 117. Kif ser nispjega, nikkunsidra li l-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 117 tas-sentenza appellata tikkostitwixxi interpretazzjoni raġonevoli ta' dan il-punt tal-Linji Gwida (Taqsima 1), filwaqt li jidhirli li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punt 118 (Taqsima 2).

### *1. Il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 117 tas-sentenza appellata*

51. Fir-rigward tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 117 tas-sentenza appellata, minnha jirriżulta li rata ta' korrezzjoni ta' 100 % tapplika abbażi tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida "meta sistema ta' kontroll eżistenti tkun kompletament barranija għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti, tinjora l-elementi sostantivi tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni u l-għanijiet tagħha, u min-natura tagħha ma tippermettix li jiġu identifikati l-prattiki tal-operaturi kkonċernati, li jevitaw jew jimmanipulaw l-elementi sostantivi. Fil-fatt, dawn in-nuqqasijiet ta' kontroll joħolqu riskju li l-pagamenti kollha magħmula fil-kuntest tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni jkunu irregolari. B'hekk, dawn in-nuqqasijiet huma simili, minħabba l-konsegwenzi finanzjarji tagħhom fuq il-fondi, għal interventi li jaqgħu barra minn sistema ta' għajnuna".

52. Fl-opinjoni tiegħi, din il-ġurisprudenza tikkostitwixxi interpretazzjoni raġonevoli tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida, peress li t-tliet indikaturi kumulattivi mfakkra fil-punt 117, meħuda flimkien, jippermettu li jiġi vverifikat jekk id-defiċjenzi ta' sistema ta' kontroll humiex tant gravi li jikkostitwixxu nuqqas totali ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni, tali li jirrendu l-pagamenti kollha irregolari fis-sens tal-Linji Gwida.

53. Fil-fatt, l-ewwel indikatur (is-sistema ta' kontroll hija *kompletament barranija* għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti) jiżgura l-osservanza tal-kundizzjoni essenzjali stabbilita fil-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida sabiex tapplika r-rata ta' 100 %, jiġifieri dik li d-defiċjenzi tas-sistema ta' kontroll huma tant gravi li jikkostitwixxu nuqqas *totali ta' konformità* mar-regoli tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, nenfasizza

31 Speċifikat dan, fil-kuntest ta' dan l-appell u dak tal-korrezzjonijiet b'rati fissi, tqum kwistjoni oħra, distinta iżda madankollu marbuta, li hija dwar jekk – u jekk ikun il-każ sa fejn – għajnuna mħallsa skont bażi legali żbaljata (iżda mhux *ineżistenti*) tistax tiġġustifika l-impożizzjoni ta' rata fissa ta' 100 % meta din il-bażi legali żbaljata taffettwa s-sistema ta' kontroll b'nuqqas li jipprekludi li jinftiehem min għandu dritt għall-għajnuna u min ma għandux (ara iktar 'il fuq fil-punti 64sa 69 ta' dawn il-konklużjonijiet).

32 Din il-ġurisprudenza tinterpreta d-Dokument Nru VI/5330/97 tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Diċembru 1997, intitolat "Linji gwida li jikkonċernaw il-kalkolu tal-konsegwenzi finanzjarji fil-preparazzjoni tad-deċiżjoni ta' clearance tal-kontijiet tat-Taqsima tal-Garanzija tal-FAEGG", li ġie ssostitwit mil-Linji Gwida. Il-punt 3.2.5 tal-imsemmija linji gwida huwa fformulat f'termini anologi għal dawk tad-Dokument Nru VI/5330/97, li l-Anness II tiegħu kien isemmi li "l-infiq jista' jiġi miċħud kollu, meta n-nuqqasijiet huma suffiċjentement gravi sabiex jikkostitwixxu nuqqas ta' osservanza totali tar-regoli [tal-Unjoni] u għalhekk jirrendu l-pagamenti kollha irregolari". [traduzzjoni mhux uffiċjali] Għalhekk, l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar dan id-dokument tapplika wkoll għall-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida, kif tesponi wkoll il-Qorti Ġenerali fil-punt 116 tas-sentenza appellata.

li sa fejn is-sistema ta' kontroll titqies assenti jew kompletament b'nuqqasijiet gravi fis-sens tal-Artikolu 12(7)(c) tar-Regolament Nru 907/2014, mingħajr madankollu ma tikkostitwixxi nuqqas totali ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni, għandha tiġi applikata bħala regola ġenerali, skont il-Linji Gwida, rata ta' 25 %.

54. Imbagħad, it-tieni indikatur (is-sistema ta' kontroll tinjora l-elementi ta' sfond tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni u l-għanijiet tagħha) jikklassifika *t-tip* ta' nuqqas li jista' jirrendi l-pagamenti *kollha* irregolari. Infakkar li l-elementi sostantivi ta' għajnuna huma kundizzjonijiet essenzjali għall-għoti tal-għajnuna[33] u għalhekk iċ-ċirkustanza li permezz tagħha s-sistema ta' kontroll tinjora wieħed jew iktar minnhom tista' tirrendi l-pagamenti kollha irregolari[34]. L-istess japplika għall-għanijiet ta' sistema ta' għajnuna. Fil-fatt, minkejja li l-kundizzjonijiet sostantivi jkunu formalment issodisfatti, huwa possibbli li l-għanijiet wara l-organizzazzjoni komuni tas-swieq ma jkunux, b'tali mod li l-pagamenti kollha jkunu irregolari[35].

55. Finalment, it-tielet indikatur (is-sistema ta' kontroll ma tippermettix, min-natura tagħha, li jiġu identifikati l-prattiki tal-operaturi kkonċernati, li jevitaw jew jimmanipulaw l-elementi sostantivi) huwa bbażat fuq l-ipoteżi prevista fl-Artikolu 12(7)(c) tar-Regolament Nru 907/2014, fejn jeżistu provi ta' irregolaritajiet u ta' negliġenza sinjifikattivi fil-ġlieda kontra l-prattiki irregolari jew frawdolenti.

56. Kif jirriżulta minn dawn it-tliet indikaturi komuni, l-applikazzjoni ta' rata fissa ta' 100 % hija strettament limitata, u dan fil-fehma tiegħi ġustament.

57. Fil-fatt, minn naħa, infakkar li l-applikazzjoni tar-rata ta' 100 % hija limitata għal każijiet eċċezzjonali, fejn in-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll ikunu simili, minħabba l-konsegwenzi finanzjarji tagħhom fuq il-fondi, għal interventi li jaqgħu barra minn sistema ta' għajnuna (l-ewwel sitwazzjoni)[36]. Madankollu, minħabba n-natura tad-defiċjenzi tas-sistema ta' kontroll, li ma tippermettix li tiġi vverifikata r-regolarità tal-għajnuna mħallsa[37], il-Kummissjoni ma hijiex f'pożizzjoni li tistabbilixxi jekk l-għajnuna kkontestata kollha kinitx effettivament imħallsa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, kif inhu l-każ meta l-għajnuna titħallas fl-assenza ta' kwalunkwe bażi legali. It-tliet indikaturi mfakkra fil-punt 117 tas-sentenza appellata ma jippermettux, f'dan ir-rigward, li jiġi vverifikat jekk jeżistux nuqqasijiet suffiċjentement gravi fil-livell tas-sistema ta' kontroll sabiex jiġi kkunsidrat li l-pagamenti kollha huma irregolari.

58. Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li skont il-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida, bħala regola ġenerali, għandha tapplika rata ta' 25 % meta l-applikazzjoni minn Stat Membru ta' sistema ta' kontroll titqies kompletament assenti jew b'nuqqasijiet gravi u jeżistu provi ta' irregolaritajiet jew ta' negliġenza sinjifikattivi fil-ġlieda kontra l-prattiki irregolari jew frawdolenti. Fi kliem ieħor, l-applikazzjoni ta'

33 Ara f'dan ir-rigward, il-punt 44 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 B'hekk, dan it-tieni indikatur jikkorrispondi, essenzjalment, għall-kundizzjoni imposta fil-kuntest tal-ewwel sitwazzjoni, iżda f'dak li jirrigwarda l-livell tal-kontroll: fil-kuntest tal-ewwel sitwazzjoni, l-għajnuna kollha mħallsa hija irregolari minħabba l-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tikser il-kundizzjonijiet sostantivi tas-sistema ta' għajnuna previsti mid-dritt tal-Unjoni. It-tieni sitwazzjoni hija bbażata, mill-banda l-oħra, fuq il-premessa li l-leġiżlazzjoni nazzjonali hija konformi ma' dawn il-kundizzjonijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni, iżda madankollu s-sistema ta' kontroll tinjorahom. Minħabba dan, il-kwistjoni dwar jekk il-ksur tal-kundizzjonijiet sostantivi ta' sistema ta' għajnuna (kemm jekk ikun hemm ksur ta' kundizzjoni sostantiva waħda jew iktar) fil-kuntest tat-tieni sitwazzjoni jistax jirrendi l-pagamenti kollha irregolari, tiddependi min-natura tal-ksur tal-kundizzjoni jew kundizzjonijiet ikkonċernati, bħal fil-kuntest tal-ewwel sitwazzjoni. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' April 2002, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-332/00, EU:C:2002:235), imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25 ta' dawn il-konklużjonijiet kif ukoll is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2009, Spanja vs Il-Kummissjoni (T-259/05, mhux ippubblikata, EU:T:2009:232], imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35 ta' dawn il-konklużjonijiet), għall-kawżi fejn il-ksur ta' kundizzjoni sostantiva setgħet tirrendi l-pagamenti kollha irregolari. Ara, għall-kuntrarju, il-punti 78 u 79 ta' dawn il-konklużjonijiet, għal eżempju fejn il-ksur ta' kundizzjoni sostantiva ma setgħetx tirrendi l-pagamenti kollha irregolari.

35 Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2009, Spanja vs Il-Kummissjoni (T-259/05, mhux ippubblikata, EU:T:2009:232, punti 90 sa 114), fejn il-kundizzjonijiet kollha għall-għoti tal-għajnuna ikkonċernata kienu formalment issodisfatti. Madankollu, l-għan essenzjali tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni (il-produzzjoni tal-kittien tal-fibra) kien nieqes minn skop kummerċjali, li kien imur kontra wieħed mill-għanijiet tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur ikkonċernat, u għalhekk irrenda l-pagamenti kollha irregolari.

36 Ara f'dan is-sens, il-punti 3 u 3.2.5 tal-Linji Gwida, kif imfakkra fil-punt 10 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 Ara f'dan ir-rigward, in-nota ta' qiegħ il-paġna 24 ta' dawn il-konklużjonijiet.

korrezzjoni ta’ rata li taqbeż il-25 % - u iktar u iktar rata ta’ 100 % - tippreżumi li tintwera l-eżistenza ta’ ċirkustanzi ta’ gravità kbira fir-rigward tas-sitwazzjoni li tiġġustifika l-applikazzjoni ta’ korrezzjoni ta’ 25 %, u fir-rigward ta’ rata ta’ 100 %, gravità estrema[38]. Madankollu, hija biss serje ta’ indikaturi li tippermetti li tiġi stabbilita tali gravità kbira.

*2. Il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 118 tas-sentenza appellata*

59. Il-punt 118 tas-sentenza appellata jipprevedi mbagħad li “[b]hekk, minn din il-ġurisprudenza [imfakkra fil-punt 117 tas-sentenza appellata] jirriżulta li ma humiex daqstant in-nuqqasijiet tal-kontrolli ewlenin li minnhom issofri s-sistema ta’ kontroll li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta’ korrezzjoni ta’ 100 % iżda l-ksur tal-elementi sostantivi tas-sistema ta’ għajnuna inkwistjoni u tal-għanijiet tagħha. In-nuqqas ta’ sodisfazzjon ta’ waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet sostantivi tal-għoti ta’ għajnuna tiġġustifika l-esklużjoni tal-infiq kollu [sentenza tal-10 ta’ Lulju 2014, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, T-376/12, EU:T:2014:623, punt 123 (mhux ippubblikata)]”.

60. Fl-opinjoni tiegħi, il-mod li bih għandu jinftiehem dan il-punt, u b’mod partikolari l-mod kif jartikola mat-tliet indikaturi msemmija fil-punt 117 tas-sentenza appellata, ma huwiex ċar. B’hekk, il-portata ta’ dan il-punt kienet is-suġġett ta’ dibattitu waqt is-seduta, u dan fl-opinjoni tiegħi ġustament. Fil-fatt, dan il-punt 118 ma huwiex ċar fuq żewġ livelli.

61. Minn naħa, nikkonstata li dan il-punt 118 jirreferi għall-punt 123 tas-sentenza L-Greċja vs Il-Kummissjoni[39], iżda jikkwotah biċċa biċċa. Min-naħa l-oħra, il-portata tal-imsemmi punt 123 fiha nnifisha ma hijiex ċara u ma tippermettix, fl-opinjoni tiegħi, kjarifika tal-portata tal-punt 118 tas-sentenza appellata.

62. Speċifikat dan, nikkonstata madankollu li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 135 tas-sentenza appellata, tirreferi għall-punt 118 fuq imsemmi filwaqt li tiddikjara li “skont il-ġurisprudenza […] iċċitata fil-punti 117 u 118 [tas-sentenza appellata], il-ksur tal-kundizzjonijiet sostantivi tas-sistema ta’ għajnuna inkwistjoni jiġġustifika l-esklużjoni tal-infiq kollu”.

63. Fid-dawl ta’ din il-konstatazzjoni, jidhirli li kif irrilevat ir-Repubblika Franċiża waqt is-seduta, fil-punt 118 fuq imsemmi, il-Qorti Ġenerali ħawdet b’mod żbaljat il-ġustifikazzjoni għall-impożizzjoni ta’ rata fissa ta’ 100 %, bħal dik li tirriżulta ġustament mill-punt 117 tas-sentenza appellata taħt il-forma ta’ tliet indikaturi kumulattivi, mal-ġustifikazzjoni għall-impożizzjoni ta’ korrezzjoni finanzjarja ta’ 100 % fil-każ ta’ għajnuna mogħtija fl-assenza ta’ kwalunkwe bażi legali. Infakkar li huwa biss f’dan l-aħħar każ li l-ksur tal-kundizzjonijiet sostantivi jista’ – waħdu – jiġġustifika korrezzjoni li tikkorrispondi għal 100 %.

38 Ara fl-istess sens, is-sentenza tal-10 ta’ Lulju 2014, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-376/12, EU:T:2014:623, punt 111) u s-sentenza tad-9 ta’ Settembru 2011, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-344/05, mhux ippubblikata, EU:T:2011:440, punt 197).

39 Sentenza tal-10 ta’ Lulju 2014, (T-376/12, EU:T:2014:623). Dan il-punt 123 huwa fformulat kif ġej: “B’hekk, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li ma humiex daqstant in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni ta’ ċerti kontrolli ewlenin iżda l-ksur tal-elementi sostantivi tas-sistema ta’ għajnuna inkwistjoni u l-għanijiet tagħha li jiġġustifika l-applikazzjoni ta’ korrezzjoni finanzjarja ta’ 100 %. Dan kien il-każ fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta’ Lulju 2009, Spanja vs Il-Kummissjoni (T-259/05, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punti 181 sa 185), li fiha ġie kkonstatat li l-awtoritajiet Spanjoli kienu fallew fl-implimentazzjoni tas-sistema ta’ kontroll tal-għajnuna għall-produzzjoni tal-kittien tal-fibra f’kuntest ta’ frodi ta’ livell għoli li tikkonsisti, prinċipalment, f’dikjarazzjonijiet għolja sistematiċi ta’ kwantitajiet ta’ kittien tal-fibra trasformat u fi prattiki abbużivi li jikkonsistu fi produzzjoni ta’ kittien nieqes minn skop kummerċjali. Dan kien ukoll il-każ fis-sentenza li tat lok għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta’ April 2008, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-364/04, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punti 31 sa 39), li fiha ġie kkonstatat li l-produtturi ta’ ħut jevitaw l-obbligu ta’ konsenja bi prezz minimu billi jikkonsenjaw, effettivament, kwantitajiet lit-trasformaturi b’tali prezz, iżda jwettqu wkoll konsenji barra mil-leġiżlazzjoni bi prezz inqas, jew b’xejn. L-assenza ta’ sodisfazzjoni ta’ waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet sostantivi tal-għoti ta’ għajnuna tiġġustifika l-esklużjoni tal-infiq kollu (sentenza tad-9 ta’ Settembru 2011, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, punt 105 iktar ’il fuq, punt 203)”.

64. F'dan ir-rigward, waqt is-seduta, il-Kummissjoni speċifikat li l-punt 3.2.5 tal-Linji Gwidda jirrigwarda s-sitwazzjoni fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali hija konformi mal-kundizzjonijiet sostantivi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, u fejn l-uniku ksur imwettaq mill-Istat Membru jkun fis-sistema ta' kontroll, li ma tiżgurax li l-kundizzjonijiet sostantivi jkunu effettivament issodisfatti. Issa, f'din il-kawża, il-ksur kien jinsab kemm fil-perspettiva tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li ma kinitx konformi fid-dritt tal-Unjoni, kif ukoll f'dik tas-sistema ta' kontroll. B'hekk, hija d-definizzjoni żbaljata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet wasslet għal żbalji fis-sistema ta' kontroll [40].

65. Skont il-Kummissjoni, huwa f'dan il-kuntest li għandhom jinftiehmu l-punti 117 u 118. B'hekk, l-imsemmija punti jfissru – meħuda flimkien – li jekk, fil-kuntest tal-korrezzjonijiet b'rata fissa, ikun hemm *kemm* ksur fil-livell tal-leġiżlazzjoni nazzjonali *kif ukoll* nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll, u dawn in-nuqqasijiet ma jippermettux li jinftiehem min kellu dritt għal għajnuna u f'dan il-każ f'liema ammont, korrezzjoni finanzjarja ta' 100 % tkun iġġustifikata. F'tali sitwazzjoni, ikun hemm riskju li l-infiq kollu jista' jkun żbaljat.

66. Inqis li dan il-qari hekk issuġġerit mill-Kummissjoni, minbarra l-fatt li jitbiegħed ftit mis-sentenza appellata fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, imur fi kwalunkwe każ kontra l-kuntest leġiżlattiv kif ukoll il-Linji Gwida.

67. Fil-fatt, fil-livell tal-kuntest leġiżlattiv, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-impożizzjoni ta' kull rata fissa – tkun xi tkun ir-rata – tfisser min-natura tagħha li t-telf reali ma jistax jiġi ddeterminat bl-eżatt. L-inċertezza dwar il-ħsara subita mill-Unjoni tiġġustifika għalhekk l-impożizzjoni ta' rata fissa, iżda waħedha ma tistax tiġġustifika li din tkun ta' 100 %.

68. Min-naħa l-oħra, minkejja li huwa raġonevoli li jiġi preżunt li, b'mod ġenerali, il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali – minbarra s-sistema ta' kontroll – tmur kontra il-kundizzjonijiet sostantivi jżid ir-riskju għall-ħsara subita mill-Unjoni, dan il-fatt bl-ebda mod ma jimplika – waħdu – li r-riskju reali huwa ta' 100 %. F'dan ir-rigward, infakkar li mhux il-ksur kollu tal-kundizzjonijiet sostantivi jista' jirrendi l-pagamenti kollha irregolari [41], u li għalhekk, ma jistax jiġi kkunsidrat li r-riskju reali huwa ta' 100 % mingħajr ma tal-inqas issir tali analiżi minn qabel.

69. Fir-rigward tal-Linji Gwida, inqis li l-interpretazzjoni li tat il-Kummissjoni hija bbażata fuq konfużjoni bejn il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-rata ta' korrezzjoni ta' 25 % u dawk tar-rata ta' korrezzjoni ta' 100 %. B'hekk, l-inkapaċità li jiġi vverifikat jekk l-għajnuna hijiex ta' benefiċċju għall-persuni li għandhom dritt għaliha hija wkoll il-konsegwenzi tal-assenza kompleta tal-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll minn Stat Membru li tiġġustifika l-applikazzjoni ta' rata ta' korrezzjoni ta' 25 %. Fir-realtà, kull nuqqas ta' kontroll li jirrigwarda element sostantiv li jikkundizzjona l-legalità tal-għoti tal-għajnuna għandu l-konsegwenza tal-introduzzjoni ta' inċertezza dwar jekk l-għajnuna hijiex ta' benefiċċju għall-persuni li għandhom dritt għaliha. Konsegwentement, dawn iċ-ċirkustanzi ma jistgħux jiġġustifikaw, waħedhom, l-applikazzjoni ta' rata ta' korrezzjoni ta' 100 % abbażi tal-Linji Gwida [42]. Fil-qosor, il-fatt li teżisti inċertezza dwar ir-regolarità ta' kull għajnuna mħallsa meħuda individwalment ma jwassalx sabiex jingħad li l-għajnuna kollha mħallsa hija irregolari fis-sens tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida.

70. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-punt 117 tas-sentenza appellata jikkostitwixxi interpretazzjoni raġonevoli tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida. Nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tapplikaha fil-kuntest ta' dan l-appell. Fir-rigward tal-punt 118 tas-sentenza appellata, jidher li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida, u kif ser nispjega, jidher li kien dan l-iżball li wassal għal applikazzjoni żbaljata ta' dan il-punt.

40 Ara f'dan ir-rigward, il-punti 72 sa 74 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41 Ara l-punt 54 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

42 Ara fl-istess sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2011, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-344/05, mhux ippubblikata, EU:T:2011:440, punt 202).

### *C. L-applikazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida f'dan il-każ*

71. L-applikazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida għaċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ (punti 134 sa 136 tas-sentenza appellata) hija bbażata essenzjalment fuq tliet elementi esposti preċedentement fis-sentenza appellata, dwar in-nuqqasijiet ikkonstatati fis-sistema ta' kontroll f'Haute-Corse. Minkejja li dawn l-elementi ma humiex ikkontestati milr-Repubblika Franċiża, huma madankollu rilevanti sabiex jiġu vverifikati dawk li huma.

72. Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet li d-determinazzjoni tas-superfiċji agrikolu ta' ażjenda tikkostitwixxi kundizzjoni sostantiva għall-għoti tal-għajnuna skont is-superfiċji. Fil-fatt, jekk l-imsemmi superfiċji jiġi ddeterminat b'mod żbaljat abbażi ta' definizzjoni ta' element wieħed jew iktar tiegħu (l-art li tinħarat, il-mergħat permanenti u l-prodotti permanenti) mhux konformi mad-dritt tal-Unjoni, dan ikun jirrigwarda żball li jaffettwa waħda mill-kundizzjonijiet sostantivi tas-sistema ta' għajnuna skont is-superfiċji, jiġifieri d-determinazzjoni tal-perimetru tas-superfiċji agrikolu li abbażi tagħha jiġu kkalkolati l-drittijiet għal pagament [43].

73. Imbagħad, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li s-sistema ta' għajnuna f'Haute-Corse kienet ibbażata fuq definizzjonijiet żbaljati relattivi għad-determinazzjoni tas-superfiċji agrikolu ta' ażjenda. Dawn l-iżbalji kienu tnejn fin-numru u kienu jirrigwardaw l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet Franċiżi, minn naħa, ta' elementi topografiċi bħal għadajjar, saffi ta' blat u msaġar, u min-naħa l-oħra, ta' "art xagħrija li hija tajba għar-rigħi", b'mod mhux konformi mar-regoli previsti mid-dritt tal-Unjoni [44].

74. Finalment, il-Qorti Ġenerali qieset li l-iżbalji fid-definizzjoni tas-superfiċji eliġibbli għas-sistema ta' għajnuna skont is-superfiċji f'Haute-Corse jaffettwaw l-IACS implimentata f'Haute-Corse, imfassla abbażi ta' dawn l-iżbalji, b'tali mod li l-imsemmija sistema ta' kontroll ma kinitx xierqa sabiex tidentifika l-iżbalji marbuta mad-determinazzjoni tas-superfiċji agrikoli, li ppermetta li l-bdiewa jiddikjaraw, f'ħafna każijiet, artijiet mhux ammissibbli [45].

75. Fil-punti 134 sa 136 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, abbażi ta' din id-definizzjoni żbaljata ġew aċċettati, b'mod kważi sistematiku, superfiċji ineliġibbli, li juri l-eżistenza ta' nuqqas ta' funzjonament suffiċjentement gravi tas-sistema ta' kontroll. Skont il-Qorti Ġenerali, għalhekk, l-imsemmija definizzjoni tikser kundizzjoni sostantiva essenzjali. Il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, li skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 117 u 118 tas-sentenza appellata, il-ksur tal-kundizzjonijiet sostantivi tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni jiġġustifika l-esklużjoni tal-infiq kollu, u kkonkludiet li n-nuqqasijiet inkwistjoni kienu tant gravi li jikkostitwixxu nuqqas totali ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni, tali natura li jirrendi l-pagamenti kollha irregolari.

76. Bħar-Repubblika Franċiża, inqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 134 sa 136 tas-sentenza appellata billi ddeċidiet li l-ksur tal-kundizzjonijiet sostantivi tas-sistema ta' għajnuna inkwistjoni jiġġustifika l-esklużjoni tal-infiq kollu b'applikazzjoni tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida. L-iżball jikkonsisti, essenzjalment, f'żewġ partijiet.

43 Punti 111 sa 133 tas-sentenza appellata.

44 Punti 120 u 121 tas-sentenza appellata, li jirrigwardaw l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali esposta, minn naħa, fil-punti 50 sa 74 tas-sentenza appellata, u min-naħa l-oħra, fil-punti 75 sa 106 tas-sentenza appellata. Din id-definizzjoni żbaljata hija dik imsemmija fil-punti 15 u 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

45 Punti 130 sa 312 tas-sentenza appellata.

77. *Qabel kollox*, kif diġà esponejt fil-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-fatt li sistema ta' kontroll tikser kundizzjonijiet sostantivi ta' sistema ta' għajnuna ma huwiex suffiċjenti – waħdu – sabiex jiġġustifika l-impożizzjoni ta' korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % b'applikazzjoni tal-punt 3.2.5 tal-Linji Gwida[46]. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta fil-punt 136 tas-sentenza appellata ddeċidiet li d-"defiċjenzi [tas-sistema ta' kontroll] inkwistjoni jiksru [il-kundizzjonijiet sostantivi tas-sistema ta' għajnuna], u *għalhekk*, kienu tant gravi li kienu jikkostitwixxu nuqqas totali ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni, tali li jirrendi l-pagamenti kollha irregolari"[47].

78. Speċifikat dan, nikkonstata, *sussegwentement*, li l-ksur tal-kundizzjoni sostantiva inkwistjoni, min-natura tiegħu, lanqas ma jista' jirrendi l-pagamenti kollha irregolari.

79. Fil-fatt, id-definizzjoni żbaljata f'dan il-każ tirrigwarda *xi tipi* ta' superfiċji (superfiċji fforestati b'riżorsi argikoli żgħar ħafna kif ukoll elementi ta' pajsaġġġ, bħas-saffi ta' blat, l-għadajjar u l-imsaġar), li ma timplikax li s-superfiċji *kollha* ddikjarati eliġibbli ma setgħux kienu eliġibbli. Kif ġustament ikkostatat il-Qorti Ġenerali stess, fil-punt 127 tas-sentenza appellata, essenzjalment, id-definizzjoni żbaljata għandha biss bħala konsegwenza li l-ammont ta' għajnuna skont is-superfiċji jkun *ogħla* minn dak li għalih il-bdiewa kkonċernati kellhom dritt li kieku s-superfiċji agrikolu tal-ażjendi tagħhom kien ġie evalwat b'mod korrett. Fi kliem ieħor, ir-Repubblika Franċiża sostniet interpretazzjoni wiesgħa ħafna tas-superfiċji eliġibbli, u tali ksur tad-definizzjoni tas-superfiċji agrikolu ma jistax jirrendi l-pagamenti *kollha* irregolari. Il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali – minbarra s-sistema ta' kontroll – tikser din il-kundizzjoni, li wassal lill-bdiewa, f'diversi każijiet, sabiex jiddikjaraw artijiet mhux ammissibbli, ma jbiddel xejn f'dan ir-rigward.

80. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-aggravju tar-Repubblika Franċiża għandu jintlaqa' dwar dan il-punt, u konsegwentement, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata parzjalment.

### *D. Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali*

81. Skont it-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tal-aħħar tista', fil-każ li tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tiddeċiedi definittivament it-tilwima hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

82. Inqis li dan huwa l-każ f'din il-kawża. Fil-fatt, l-impożizzjoni mill-Kummissjoni tal-korrezzjoni kontenzjuża hija bbażata, essenzjalment, fuq l-istess żewġ nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll bħal dawk esposti mill-Qorti Ġenerali[48]. Issa mill-analiżi ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li tali nuqqasijiet ma jistgħux jiġġustifikaw rata fissa ta'100 %. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kontenzjuża għandha tiġi annullata dwar dan il-punt.

### *E. Fuq l-ispejjeż*

83. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u taqta' l-kawża definittivament hija stess, għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

84. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.

46 Ara f'dan ir-rigward, il-punti 52 sa 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

47 Enfasi miżjuda minni.

48 Ara f''dan ir-rigward, il-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

85. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk tar-Repubblika Franċiża.

## V. Konklużjoni

86. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla parzjalment is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Marzu 2019, Franza vs Il-Kummissjoni, T-26/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:153, sa fejn din tiċħad it-talbiet magħmula mir-Repubblika Franċiża bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) (ĠU 2017, L 292, p. 61), sa fejn timponi fuq ir-Repubblika Franċiża korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % minħabba nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tal-għajnuna skont is-superfiċji f'Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014;

– tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) (ĠU 2017, L 292, p. 61), sa fejn timponi fuq ir-Repubblika Franċiża korrezzjonijiet b'rati fissi ta' 100 % minħabba nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tal-għajnuna skont is-superfiċji f'Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014;

– tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tbati, barra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mir-Repubblika Franċiża.